## 30 ta' Jannar, 1989

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Marcelle Borg Grech *pro et noe*

*versus*

Frank Cachia

## Mandatarju f'Kawża – *Mandanti Preżenti Malta* – Eċċezzjoni ta' l-Illeġittimità tal-Persuna

*Skond l-art. 1866 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża bħala attur jew konvenut fl-isem tal-mandanti tiegħu meta dan ikun preżenti f'Malta. Però l-art. 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra, fost oħrajn, il-persuna li tidher bħala prokuratur ta' persuna barra minn Malta kif kienet qiegħda tidher l-attriċi in rappreżentanza ta' żewġha.*

*Kwindi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna f'dan il-każ ma tistax tingħata.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera għall-Gżira ta' Malta, illi permezz tiegħu r-rikorrenti fuq imsemmija,

wara illi ppremettew illi huma jikru lill-intimat fuq imsemmi l-fond ammobilit *"Summer", Vista Bella, Marsascala,* bil-kera ta' sittin lira (Lm60) fix-xahar, pagabbli bix-xahar bil-quddiem, illi l-intimat *naqas li jħallas il-kera dovut minnu* għal żewġ skadenzi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta ġie mitlub iħallas u infatti b'ittra tas-27 ta' Diċembru, 1980, l-intimat ġie nterpellat iħallas il-kera għax-xahar ta' Diċembru u b'ittra uffiċjali tas-16 ta' Jannar, 1981, l-intimat ġie nterpellat iħallas il-kera għax-xhur ta' Diċembru u ta' Jannar, u l-intimat għadu ma ħallasx dan il-kera skadut u illi hija għalhekk ma tridx iġġedded il-kirja, talbet illi tiġi awtorizzata tieħu lura l-pussess ta' l-imsemmi fond fl-ewwel (1) ta' Ġunju, 1981 u illi konsegwentement l-intimat jiġu kkundannat jiżgombra mill-istess fond u jħallih favur tagħha;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera għall-Gżira ta' Malta fl-ismijiet premessi fit-3 ta' Frar, 1987, li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti u għall-*fini ta'* l-*iżgumbrament* ipprefiġġiet *it-terminu ta' tliet (3) xhur* minn dak in-nhar u ordna li l-ispejjeż kollha li kien għadhom ma ġewx deċiżi jiġu ssopportati mill-intimat, u

*Omissis;*

Illi, konsegwentement tirriżulta ppruvata l-morożità fil-ħlas tal-kera tal-fond *"de quo"* fit-termini ta' l-artikolu 5(3)(f) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar;

Rat *ir-rikors ta'* l-*intimat* Franck Cachia ppreżentat fil-11 ta' Frar, 1987, li bih talab li l-Qorti jogħġobha:

1. Tirrevoka d-digriet tal-Bord li Jirregola l-Kera tad-9 *ta' April, 1981 u tiddikjara minflok li l-korrezzjoni mitluba mhix* ammissibbli; u

2. Konsegwentement tiddikjara r-rikors kif oriġinarjament ippreżentat null billi r-rikorrenti ma setgħetx tadixxi l-Bord li Jirregola l-Kera għar-ripreża tal-fond matul il-perijodu kontrattwali;

3. Tiddikjara s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-3 ta' Frar, 1987 nulla minħabba li ngħata minkejja li r-rikorrent Joseph Borg Grech naqas li jassumi l-atti tar-rikors f'ismu proprju għalkemm kien Malta; u

4. Tirrevoka l-istess sentenza tat-3 ta' Frar, 1987 billi tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti;

Rat ir-risposta ta' Marcelle Borg Grech f'isimha u bħala mandatarja ta' żewġha Joseph Borg Grech, u ta' l-istess Joseph Borg Grech ippreżentata fit-23 ta' Frar, 1987;

Rat l-atti kollha relattivi u opportuni;

Rat il-verbal ta' l-20 ta' April, 1986 (fol. 107) fejn ġie rreġistrat li:

Id-difensuri jaqblu illi r-rikorrenti Joseph Borg Grech kien hawn Malta mit-18 ta' Frar, 1986 'il quddiem u baqa' hawn sal-lum;

Id-difensuri jaqblu u fil-fatt jitolbu li l-Qorti biex tagħti

deċiżjoni fuq il-punt ta' nullità tas-sentenza o meno derivanti mill-preżenza f'Malta meta ngħatat is-sentenza tar-rikorrent J. Borg Grech għal liema punt hemm riferenza fil-para. 11 tar-rikors ta' Appell kif ukoll fir-risposta ta' l-appellati u l-appell baqa' ddifferit għad-deċiżjoni preliminari għat-30 ta' Ġunju, 1988;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi b'verbal ta' l-20 ta' April, 1988, ġie rreġistrat is-segwenti. Fl-ewwel lok id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li jaqblu li r-rikorrenti Joseph Borg Grech kien hawn Malta mit-18 ta' Frar, 1986, 'il quddiem u kien baqa' hawn sa dak in-nhar. Fit-tieni lok l-istess difensuri talbu lil din il-Qorti biex tagħti deċiżjoni fuq il-punt ta' nullità tas-sentenza tar-rikorrenti Joseph Borg Grech għal liema punt hemm riferenza fil-paragrafu 11 tar-Rikors ta' l-Appell kif ukoll fir-risposta ta' l-appellanti. Infatti dan l-appell jinsab differit għal-lum għas-sentenza fuq il-punt;

Din il-kwistjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ġiet issollevata mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tiegħu. Huma jissottomettu li meta s-sentenza ngħatat mill-ewwel Qorti r-rikorrenti Joseph Borg Grech ma kienx għadu assenti minn Malta u kwindi ma setax jiġi rappreżentat minn martu. L-istess żewġ l-appellata qatt ma assuma l-atti tal-kawża f'ismu allavolja ma baqax aktar imsiefer u kwindi s-sentenza ma setgħatx tingħata u għalhekk hemm lok għal dikjarazzjoni ta' nullità. L-istess Joseph Borg Grech *di più* kien jattendi għal-laqgħat tal-Qorti regolarment ma' martu u hi stess xehdet (fol. 50) li n-noti li kienet qiegħda tixhed fuqhom kienu saru minn żewġha. Dan jindika

li hu kien qiegħed Malta;

Ir-rikors ta' l-appellati kien ġie pprezentat fil-5 ta' Frar, 1981. L-appellati b'nota tal-21 ta' Ottubru, 1987 esibew prospett (fol. 101) li jindika d-dħul u ħruġ minn Malta skond il-passaporti hemm indikati tar-rikorrent Joseph Borg Grech. Jirriżulta minn dawn id-dokumenti li fil-5 ta' Frar, 1981, data tal-preżentata, ir-rikorrent Joseph Borg Grech ma kienx hawn Malta u kwindi r-rikors kien ġie ppreżentat tajjeb. Ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar il-fatt li l-istess Joseph Borg Grech kien ġej u sejjer il-Libja waqt li l-kawża tiegħu kienet miexja quddiem il-Bord. Jirriżulta wkoll li huwa ma kienx joqgħod jassumi l-atti tal-kawża fuq ismu kull darba li jirritorna Malta. L-istess Joseph Borg Grech kien irritorna Malta definitivament fit-18 ta' Frar, 1986;

Is-sentenza tal-Bord ġiet mogħtija fit-3 ta' Frar, 1987. Minn meta kien ġie lura Malta saru erba' seduti quddiem il-Bord. Fl-ewwel waħda tas-6 ta' Marzu, 1986 xehed l-intimat. F'dik ta' l-10 ta' Ġunju, 1986, l-intimat iddikjara li m'għandux provi x'jipproduċi u f'dik tat-30 ta' Ottubru, 1986 ġiet mogħtija l-fakoltà liż-żewġ kontendenti li jippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet bil-visto tal-kontro-parti – ħaġa li m'għamlux. Fl-aħħarnett, fis-seduta tat-3 ta' Frar, 1987, il-kawża ġiet deċiża. Għal dawn is-seduti skond ma jgħid l-appellant stess fir-rikors ta' l-appell tiegħu (para. 11) "Joseph Borg Grech ma kienx għadu assenti u kien jidher regolarment fl-Awla ma' martu". L-appellant qatt ma qajjem din il-kwistjoni f'ebda waħda minn dawn is-seduti. Jidher ukoll li l-imsemmi żewġ l-appellata ma sofra ebda preġudizzju bl-għoti tas-sentenza appellata;

Skond l-artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 il-

mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża bħala attur jew konvenut fl-isem tal-mandanti tiegħu meta dan ikun preżenti f'Malta. L-istess artikolu però jkompli jgħid li dan "bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili". Dan jiddisponi li l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra l-prokuratur jew ekonomu ta' l-Isqof Djoċesan ta' Malta jew ta' l-Isqof ta' Għawdex, jew kontra waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 180 fosthom il-persuna li tidher bħala prokuratur ta' persuna barra minn Malta kif kienet qiegħda tidher l-attriċi in rappreżentanza ta' żewġha. Kwindi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna f'dan il-każ ma tistax tingħata u għalhekk m'hemmx lok ta' nullità tas-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiddisponi dwar il-kwistjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ssollevata mill-appellant fir-rikors tiegħu billi tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-istess appellant u tiddikjara l-istess sentenza appellata bħala waħda valida u dana bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Il-Qorti tiddifferixxi l-appell għall-kontinwazzjoni għall-20 ta' Frar, 1989.